TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Stephen Muscat

Vs

Shaker Ltd (C 43368)

CCT 133/22/MM

Illum, 4 ta' Settembru 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat nhar is-16 ta' Settembru 2022 fejn talab is-somma ta' mitejn u erbghin Ewro (€ 240) rapprezentanti d-depozitu mhallas fuq ordni ta' materjal konsistenti f'top ghal ghamara, liema top kellu jinhadem mis-socjeta' intimata u liema ordni kienet giet kancellata mir-rikorrenti qabel ma s-socjeta' intimate lahqet ghamlet xi haga fuq l-istess ordni.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn spjegat li wara li r-rikorrenti kien hallas id-depozitu huwa kienu bghatu jitolbuh permezz ta' email sabiex jaccedu fuq il-post sabiex jiehdu l-qisien izda ma rcivew l-ebda risposta. Sussegwentement kienu ircivew telefonata u ittra legali tinfurmahom li r-rikorrenti kienu qeghdin jikkancellaw l-ordni.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza hija dwar ordni ta' top ghall-ghamara ordnata mir-rikorrenti minghand is-socjeta' intimata. Illi ir-rikorrenti ghamel l-ordni tieghu permezz ta' email u hallas id-depozitu ammontanti ghal Euro 240 permezz ta' trasferiment bankarju.

Illi wara t-trepass ta' madwar xahar u nofs, ir-rikorrenti ghamel kuntatt mas-socjeta' intimata fejn irrizulta li kienu ghadhom ma bdewx jipprocesaw l-ordni tieghu u ghalhekk unilateralment ikkancella l-ordni.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta mill-provi illi d-depozitu thallas nhat il-21 ta' Ottubru 2021. Nhar l-10 ta' Novembru, 2021 is-socjeta' intimata irciviet telefonata fejn ir-rikorrenti talab li l-ordni tigi kkancellata, filwaqt li dakinhar stess intbghatet ittra legali tikkonferma il-kancellament tal-ordni.

Il-konsumaturi spiss jintalbu jħallsu depożitu meta jixtru ċerti prodotti jew servizzi, bħal meta jordnaw prodott minn ħanut jew meta jimpjegaw lil xi ħadd biex jagħmel xogħol partikolari. Hekk kif jitħallas depożitu, il-konsumaturi jidħlu f'kuntratt legalment vinkolanti man-negozjant, u jinħolqu drittijiet u responsabbiltajiet għaż-żewġ partijiet tal-kuntratt. Minn naħa, il-konsumatur huwa impenjat li jħallas il-prezz miftiehem meta l-prodott jew is-servizz jiġi pprovdut, u min-naħa l-oħra, il-kummerċjant irid jipprovdi l-prodott jew is-servizz kif stipulat fil-kuntratt tal-bejgħ.

Peress li wara li jħallsu depożitu, il-konsumaturi ma jistgħux jibdlu fehmthom u huma marbuta li josservaw il-ftehim tal-bejgħ, il-konsumaturi huma avżati biex jagħmlu għażliet infurmati dwar ix-xiri. Ix-xiri madwar u t-tqabbil tal-offerti tal-bejgħ ta' bejjiegħa differenti huwa importanti ħafna. Il-konsumaturi għandhom jiżguraw ukoll li d-dettalji kollha relatati max-xiri jkunu miktuba u dawn għandhom jinkludu deskrizzjoni ċara tal-prodott jew servizz ordnat, il-prezz miftiehem, l-ammont ta' depożitu mħallas u l-bilanċ dovut. Id-data meta l-prodott jew is-servizz se jiġi fornut għandha wkoll tkun miktuba b'mod ċar fil-ftehim tal-bejgħ.

Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn il-konsumaturi, wara li jħallsu depożitu, jiddeċiedu li ma jridux aktar jew jeħtieġu l-prodott jew is-servizz ordnat. F'każijiet bħal dawn, il-bejjiegħ mhux obbligat legalment jirritorna d-depożitu imħallas u għalhekk il-konsumaturi jirriskjaw li jitilfu flushom. Dan sakemm ma jkunx hemm klawsola fil-kuntratt tal-bejgħ li tippermetti lill-konsumaturi jibdlu fehmhom u jikkanċellaw ix-xiri. Jekk ma jkunx hemm klawżola bħal din, allura ġeneralment huwa f'idejn il-bejjiegħ li jiddeċiedi jekk għandux jirrifondi d-depożitu.

It-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrenti m'ghandux ragun jitlob lura d-depozitu u dan stante li n-nuqqas principali huwa tar-rikorrenti meta naqas illi jipprovdi data ghall-access. Illi ghalkemm ir-rikorrenti jargumenta li l-kummercjant kellu juri izjed interess, biss, peress li bejn id-data tal-ordni u d-data meta r-rikorrenti ttermina l-ordni ghaddew biss dsatax (19) – il gurnata, it-Tribunal ma jhossx illi dan il-perjodu jimmerita il-kancellament tal-ordni u ma jistax jinghad li l-kummercjant kien b' xi mod qieghed jittraskura l-ordni.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

**Dr. Martha Mifsud**

**Arbitru**

**47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070**